MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 604/2009

**VALLETTA SERVICE STATION LTD.** (C-26858)

vs.

**Tracey AZZOPARDI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fit-22 ta' Gunju, 2009, li bih is-socjeta' rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet a) li din il-Qorti taqta' l-kawza mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa' 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lill-imħarrka, biex tħallas lill-kumpannija attrici s-somma ta' tlieta u tletin elf, seba' mija u tmintax-il euro u tlieta u sebgħin ċentezmi (€33,718.73) li mibjugħa u forniti tirrappreżenta l-prezz ta' karburanti lill-parti ntimata fuq

talba tagħha bejn Diċembru tal-2007 u Settembru tal-2008;

Talbet wkoll il-ħlas ta' l-imgħax legali u l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-parti ntimata li naqset li tidher meta ssejħet il-kawża, u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet l-Avukat tas-socjeta' attriċi, jiddikjara li sal-lum ma tħallas xejn mill-ammont mitlub;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja ta' l-intimat tiddeciedi billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta' attrici** u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-parti mħarrka tħallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €33,718.73 fuq imsemmija rappreżentanti l-prezz ta' fornimenti kif fuq ingħad flimkien ma' l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b' seħħ mit-28 ta' Settembru, 2009 sal-jum tal-ħlas effettiv.

**3) Tikkundanna** lill-parti mħarrka tħallas **l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------